**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Pauline Agius Cassar**

**S**eduta Distrett Mosta

**Illum 21 ta' Gunju 2024**;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Pauline Agius Cassar ta' 39 sena bint Francis Agius u Yvonne Agius nee Psaila imwielda il-Pieta' nhar it-3 ta' April 1983 u residenti gewwa 'OIA', Sqaq fi Triq is-Sagra Familja, Bidnija u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 303583(M)**

Talli:

Akkuzata li f' dawn il-gzejjer u cioe nhar it-3 ta' Marzu 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel:

1. Bla hsieb li tisraq jew li taghmel il-hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghel bl-awtorita tieghek innifsek, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbliagazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, (illi biddilt password tas-CCTV camera system li hemm installata mal-proprjeta 'OIA', Sqaq fi Triq Sagra Familja, Bidnija), jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilna jew jiehu l-ilma ghalih, jew b' xi mod iehor kontra l-ligi, indhalt fi hwejjeg haddiehor.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta' April 2024[1].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni minn naha ta' Christopher Anthony Cassar  fejn irraporta li fit-3 ta' Marzu 2022 huwa ipprova jaccedi s-

[1] A folio 6 tal-process.

CCTV cameras tad-dar matrimonjali u skopra li dawn gew mibdula. Qal ukoll li tali access u tibdil tal-passwords setghet taghmlu biss l-imputata

Mitkellma mill-pulizija l-imputata stqarret li kien hemm protection order in vigore fil-konfront tal-imputat.

**Provi**

Xehdet **PS 224 Susanne Mifsud** fejn qalet li mar l-ghassa l-Mosta Christopher Anthony Cassar  fejn irraporta li fit-3 ta' Marzu 2022 hu ipprova jaccedi s-CCTV  tramite app li ghandu fil-mobile u ma setax jidhol.  Kompla jispjega li l-unika persuna li setghet taghmel dan kienet l-imputata.

Mitkellma mill-pulizija l-imputata stqarret li fil-konfront tal-kwerelant hemm Ordni ta' Protezzjoni favur taghha Ordni ta' Protezzjoni[2].

Xehed **Christopher Anthony Cassar** nhar id-19 ta' April 2024  jghid li f'Marzu 2021 dahal fuq l-app fuq il-mobile tac-CCTV li kienet taghti ghar-residenza matrimonjali u sab li ma setax jaccedi ghall-istess. Isostni li l-unika persuni li kellhom access ghall-dawn l-cameras kienu hu u l-ex-mara tieghu, l-imputata. Jghid li dawn kienu installati fuq barra tad-dar ghall-protezzjoni tal-propjeta'.   Jghid li fil-perjodu imsemmi kien qed jirrisjedi Hal-Qormi ghand ommu.   Fir-residenza kienet tirrisjedi l-imputata.[3]

[2] Folio 4 tal-process.
[3] Folio 15 tal-process.

Gie esebit ukoll Dokument PAC[4] li huwa kopja semplice ta' Ordni ta' Protezzjoni. Din il-kopja la giet awtentikata bhala vera kopja u lanqas giet prezentata mir-registratur tal-Qrati Kriminali u lanqas ma hija konfermata bil-gurament.

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦATTAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

**85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:**

**Ikkunsidrat:**

[4] Folio 20 tal-process.

Fil-kawza l-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

***'L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***

1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espresa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;***
2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;***
3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;***
4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.'***[5]

Ikompli jinghad fl-istess sentenza:

***'Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f'idejh, b'daqshekk ikun qieghed juzurpa f'sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.'***[6]

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Scicluna omissis** (App. Nru. 234/2107) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 31 ta' Lulju 2019 per Onor. Imhallef Edwina Grima gie riaffermat:

[5] Ara ukoll f' dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) vs Joseph Aquilina** (App. Nru. 92/2015) deciza fis-26 ta' marzu 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imhallef Giovanni M. Grixti.

[6] Ara il-gurisprudenza imsemmija minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs George Bartolo** deciza fil-25 ta' Novembru 2022.

'***Jinghad biss illi anke is-semplici detenzjoni jew dritt ta' tgawdija jew uzu huwa bizzejjed sabiex jissussisti r-reat u dan meta bl-att materjali l-parti leza tigi imcahhda milli tkompli b' dan l'uzu jew din it-tgawdija.***[7]'

Imbaghad ikompli jinghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Clive Caruana** (App. Nru. 61/2018) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 21 ta' Lulju 2020 per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja:

'***.....izda mill-banda l-ohra, dawn il-flus kienu wjoll fil-<u>pussess kongunt</u> tieghu u ta' martu. B' hekk bl-azzjoni tieghu l-appellant gie li impedixxa lil martu minn dritt li hija kienet tgawdi fuq il-flus, liema impediment sehh bid-dissens implicitu jew esplicitu taghha. Hija ma setghetx taccedi ghal dawn il-flejjes wara l-azzjoni unilaterali tal-appellant***.'[8]

Finalment fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Paul Joseph Portelli** (App. Nru. 264/2018) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Settembru 2020 per Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti gie osservat is-segwenti:

***'....kif spjegat din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said (deciza fid-19 ta' Gunju 2002) 'Sakemm tigi xolta il-komunjoni tal-akkwisti, jew sakemmm ikun hemm xoi ordni ta' allonatanament minn dan il-fond ta' xi wahda mill-konjugi mill-Qorti kompetenti, it-tnejn***

[7] Pagna 5.
[8] Pagna 33.

***ghandhom propjetarji tal-istess u hadd minnhom ma jista' jeskludi lill-parti l-ohra mill-godiment tieghu u mill-access ghalih'. Din hija l-posizzjoni civiliter...'***[9].

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li dan l-kaz imur lura ghat-3 ta' Marzu 2022. Il-Qorti tinnota ukoll li l-kopja tal-protection order ezebita mid-difiza tistabilixxi, tal-anqas fuq livell ta' probabilita', ghax mhix vera kopja s-segwenti:

1. Li l-kwerelant fis-**16 ta' Frar 2022, jigifieri granet qabel ir-rapport tal-kwerelant**, dan tal-ahhar kien ipprojbit milli '**b'xi mod isegwi l-movimenti**' tal-imputata.

2. **Tipprojbixxi jew tirristringi l-access lill-kwerelant.... gewwa il-fond fejn tirrisjedi l-imputata kif ukoll jekk l-akkuzat, ossija il-kwerelant f'dawn il-proceduri, jkollu xi interess legali f'dak il-fond**.

Illi filwaqt illi l-livell tal-probabli fil-kamp kriminali ma jistax jintuza sabiex tinstab htija fl-imputat/a, l-Qorti tqis illi ghandha tikkonsidra din il-kopja bhala informazzjoni li tista' toqghod fuqha sabiex tistabilixxi l-fatti pertinenti ghall-kaz.

[9] Pagna 7. Ara ukoll **Il-Pulizija vs Peter Paul Bellizzi** (App.Nru. 276/2004) deciz fl- 20 ta' Lulju 2005 per Onor. Imhallef David Scicluna, Appell Kriminali.

Il-Qorti tqis ukoll illi ladarba kien hemm tali Ordni ta' Protezzjoni, allura l-imputata setghet tnehhi l-access tal-kwerelant ghall-imsemmija app u dan ghax altrimenti l-kwerelant ikun jista' jsegwiha u jsegwi l-passi taghha fl-inhawi tad-dar matrimonjali, haga li gie espressament projbit milli jaghmel.

Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz il-kwerelant ried ikompli jaccedi s-CCTV ta' dik li kienet id-dar matrimonjali biex b'xi mod jispija u jsegwi l-passi tal-imputata u ghalhekk bi ksur lampanti tal-ordni tal-Qorti li kienet harget dik l-ordni ta' protezzjoni.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-kwerelant, li kien suggett ghall-dik l-ordni kien jaf b'dak ordnat mill-Qorti u allura r-rapport li ghamel ma hu xejn siewi ghax propjament imur kontra dak ordnat.

**Ir-rapport kien intiz biex il-kwerelant idejjaq u jivvessa lill-imputata u l-pulizija ezekuttiva messhom investigaw f'aktar approfondita' d-dikjarazzjoni tas-suspettata u ma messhom qatt hargu dawn l-akkuzi ladarba kien hemm ordni ta' protezzjoni li tghid car u tond dak hawn fuq riprodott minn din il-Qorti.**

Il-Qorti ghalhekk tqis li m'ghandhiex tinstab htija fl-imputata.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed issib lill-imputata **Pauline Agius Cassar MHUX HATJA** tal-akkuza migjuba kontra

taghha taht l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberaha minn kull htija u piena.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur